MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 295/2003

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu fit-28 ta’ Awissu 1992 fil-knisja ta’ Ghajn Dwieli, Rahal Gdid, u minn dan iz-zwieg me kellhomx ulied;

Peress illi l-kontendenti sseparaw permess ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Mariella Mizzi;

Peress illi, z-zwieg bejn il-kontendenti huwa null stante li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-

dmirijiet u d-drittijiet essenzjali, kif ukoll b' anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghal konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Peress illi z-zwieg kien null billi l-kunsens tal-konvenut kien karpit b' simulazzjoni u bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Peress illi l-kunsens ta' l-attrici kien inkiseb b' qerq dwar xi kwalita' da parti tal-konvenut u li ghalhekk, minhabba x-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga;

Peress illi ghalhekk iz-zwieg huwa null u serjament vizzjat a tenur tal-Artikolu 19(1)(c)(d)(f) u (h) tal-Att dwar iz-Zwieg;

Tghid ghalhekk l-istess konvenut l-ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg bejn il-kontendenti li gie celebrat fit-28 ta' Ottubru 1992 huwa null u bla effett ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ngunt minn issa in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi in linea preliminarja r-res judicata u dan stante sentenza definittiva mit-Tribunal Metropolitan ta' l-Arcidjocesi ta' Malta (Prot 98/74) (Rep No. 02.96) datata 30 ta' Ottubru 2002 fl-ismijiet (Nullatatis Matrimonii Azzopardi – B).

2. Illi, fil-mertu, it-talbiet ta' l-attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tagha stante li mhux minnu illi z-zwieg huwa null u vizzjat a tenur ta' l-artikolu 19(1)(c)(d)(f) u (h) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat is-sentenza defenittiva moghtija mit-Tribunal Metropolitan ta’ l-Arcidjocesi ta’ Malta fit-30 ta’ Settembru 2002 u ppubblikata fit-18 ta’ Dicembru 2002, fl-ismijiet *Nullitatis Matrimonii Azzopardi – B;* u li giet registrata fir-Registru Pubbliku permezz ta’ digriet moghti mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-15 ta’ April 2004 fit-termini ta’ l-artikoli 23 u 24 tal-Kap.255;

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti fil-31 ta’ Mejju 2005 li permezz taghha cahdet l-eccezzjoni tar-*res judicata* sollevata mill-konvenut in kwantu l-azzjoni odjerna hija bazata fuq il-capita nullitatis kontemplati fil-paragrafi [c][f] u [h] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 bhala kawzalijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-28 ta’ Awissu 1992 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-konvenut kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [f], filwaqt li dak ta’ l-attrici kien inkiseb b’ qerq fit-termini tal-paragrafu [c], ta’ l-artikolu precitat.  Hija b’ mod generiku indikat ukoll bhala kawzali l-paragrafu [h].

Illi l-konvenut minn naha tieghu qed jikkontesta t-talba, u qed jichad li z-zwieg huwa null fit-termini tal-kawzalijiet fuq indikati.

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-kumpless tal-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-28 ta’ Awissu 1992 meta allura l-attrici, armla u mara tad-dar b’ tifla ta’ tmien snin, kellha 39 sena, u l-konvenut, guvni, kellu 39 sena; u wara li kienu ilhom jiffrwentaw lil xulxin sentejn [2].  Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.  Fit-30 ta’ Gunju 1998 il-partijiet isseparaw bonarjament.

Mill-provi jirrizulta wkoll li f' xi zmien waqt iz-zwieg il-konvenut ma kienx f' sikktu u fis-7 ta' Gunju 1998 huwa kien gie nvistat mill-Psikjatra Dottor Ethel Felice li, ghalkemm ikkonstatat li kien qed ibati minn stat depressiv minhabba r-relazzjoni hazina ezistenti bejnu u bejn martu u t-tifla taghha, u li kien qed jissuspetta li ma kienux qed juruh certu affarijiet, "ma kienx hemm problemi medici ohra". L-istess tabiba ma setghetx tghid jekk l-istat li kien qed isofri minnu l-konvenut kienx "xi forma permanenti jew temporaneja"[1]

*Versjoni attrici*

L-attrici tghid li "tul l-gherusija C dejjem taghni x' nifhem li huwa jirrispettani bhala mara u qatt ma rajt xejn hazin minn ghandu. Nista' nghid ukoll li kien jittratta tajjeb kemm lili u kemm lit-tifla [omissis] li dak iz-zmien kellha tmien snin."[2] Tikkonferma li "it-tifla kienet ferhana mieghu"[3] L-uniku ilment li kellha l-attrici b' referenza ghal dan l-istadju kien l-attakkament zejjed li l-konvenut baqa' juri lejn ommu.

L-attrici tghid li hekk kif izzewwgu "Kollox inbidel bhal lejn ghan-nhar, la darba konna zzewwigna, bhallikieku C ma baqax l-istess persuna." Hija tilmenta li "ftit wara li zzewwgina" biet tiskopri li kien dahaq biha "ghax huwa wera wicc b' iehor, u mhux vera kien 'in-nice man' li huwa taghni x' nifhem tul l-gherusija. Skopriet li kien bniedem "immatur, rasu iebsa u anqas biss jaf kif kellu jgib ruhu mieghi.." Hija tilmenta li kien isawwat lilha u lit-tifla, u "kien jghamel atti ta' mignun" u tghid kif "qatt ma stajt nifhem kif jiena qatt ma ndunajt fl-gherusija."[4]

Hija ssemmi ncident ta' vjolenza li rizultat tieghu l-konvenut ghamel gurnata l-Isptar Monte Carmeli.

---

[1] Dep. fol.112 *et seq*.
[2] Fol.95
[3] Ibid.
[4] Aff. fols.95 - 99

Fid-deposizzjoni taghha l-attrici tghid li “meta zzewwigna bdejna ninbidlu ftit u dejjem beda jzid izjed..”[5]

Illi t-tesi principali ta’ l-attrici hija li “il-kunsens taghha kien inkiseb b’ qerq, ghaliex dan il-bniedem mexa mieghi bhal wiehed mignun, u peress li l-atti vjolenti li jien rajt [u] il-kummiedji li hu kien jaghmel kuljum, fixxklu serjament, anzi ghamlu impossibbli, il-hajja mizzewwgin flimkien.”[6]

*Versjoni konvenut*
Illi l-konvenut jispjega li huma kienu damu gharajjes sentejn u nofs, u “kellna gherusija tajba hafna”. Kienu attendew il-kors ta’ Kana fl-intier tieghu u kienu “kuntenti hafna nghixu flimkien ma’ bintha..”  Huwa jattribwixxi t-tkissier taz-zwieg taghhom ghall-fatt minnu allegat li wara sitt snin ta’ zwieg kienet dahlet terza persuna fin-nofs, u senjatament l-gharus ta’ bint l-attrici u minn hemm beda jinqala’ l-inkwiet li pprecipita fir-rottura tal-konvivenza matrimonjali, stante suspetti li bdew itaqqlu lill-konvenut f’ dan ir-rigward.

Huwa jichad li kien sawwat lil martu, u jostni li huwa kien iddefenda ruhu mill-aggressjoni fisika taghha. Jichad li huwa kien qarraq b’ martu, u li biddel il-karattru tieghu wara z-zwieg.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi mill-provi jirrizulta car li, filwaqt li l-attrici qeda titlob l-annullament sabiex tkun tista’ tibda hajja gdida[7], il-konvenut minn naha tieghu qed jsostni l-validita’ taz-zwieg u jghid li  “jien lil marti kont u ghadni nhobba sallum u li kien ghalija nirranga maghha..”[8]

Illi, apparti mill-paragrafu [d] li ma jistax jigi  ezaminat f’ dan il-gudizzju stante li jostaw f’ dan ir-rigward il-principji li jirregolaw il-kuncett tar-res judicata, kif indikat fis-sentenza preliminari, il-bazi principali ta’ l-azzjoni attrici hija l-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [c] ta’ l-

---

[5] Dep. fol.129
[6] Fol.99
[7] Fol.99
[8] Fol.145

artikolu precitat li jiddisponi bhala kawza ta' nullita' taz-zwieg il-kaz fejn il-kunsens matrimonjali tal-konjugi ikun inkiseb b' qerq dwar xi kwalita tal-konjugi l-iehor li tkun ta' tfixkil serju ghall-konvivenza matrimonjali.

Illi jinsab ritenut fil-gurisprudenza nostrali li biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvizata fil-para.[c] iridu jikkonkorru erba affarijiet: [1] il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti; [2] li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-partijiet; [3] li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u [4] li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Inoltre, l-principju jibqa' dak sancit fl-Art.981[2] tal-Kap.16, jgifieri li "l-ghemil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat." Barra minnhekk, jibqa' japplika l-principju procedurali f' materja ta' prova li onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat, u ghalhekk l-oneru tal-prova tal-qerq prattikat fuq l-attrici jibqa' in toto fuq l-attrici li qed tallega l-istess fatt. Di piu' il-mument krucjali f' materja ta' annullamenti huwa l-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, u ghalhekk l-attrici biex tirnexxi fl-azzjoni taghha trid necessarjament tipprova li l-qerq allegat minnha kien jezisti fil-mument tal-ghoti ta' l-imsemmi kunsens; u fatti, allegati u provati, kemm antecedenti kif ukoll sussegwenti ghall-mument taz-zwieg huma relevanti biss in kwantu jistghu jitfghu dawl fuq is-sitwazzjoni f' dan il-mument.

Illi fil-meritu l-Qorti tikkunsidera opportuni s-segwenti osservazzjonijiet.

Illi l-Qorti ma tikkunsiderax bhala veritiera l-allegazzjoni attrici li l-konvenut <u>inbidel ezatt wara z-zwieg mill-lejl ghan-nhar</u>, u hija aktar propensa li tghati affidament lill-versjoni tal-konvenut li l-problemi bejn il-koppja zviluppaw zmien wara d-data taz-zwieg.

Illi din il-Qorti ssibha difficli li tirrikoncilja t-tesi attrici f' dan ir-rigward, mal-fatt li dawna damu kienu gharajjes bejn sentejn, u sentejn u nofs, u skond l-istess attrici "qatt ma

rajt xejn hazin minghandu" u li "it-tifla kienet ferhana mieghu".

Il-mistoqsijiet li jimponu ruhhom f' dan ir-rigward huma s-segwenti: Kif jista' jkun li l-attrici, li kienet gja mizzewwga ghal hames snin b' tifla ta' tmien snin, u ghalhekk necessarjament akkwistat certu esperjenza u maturita' kemm fil-hajja in generali kif ukoll fil-qasam tal-konvivenza matrimonjali, ma tindunax li l-konvenut kellu, fil-minumu, xi haga mhux f' postha, jew fil-massimu, u fi kliemha, li kien mignun u vjolenti ? Huwa possibbli li mara matura li tkun ilha tiffrekwenta ragel, guvni, bi skop ta' zwieg ghal circa sentejn, ma tindunax li dak li kien ser jkun zewgha fil-futur kien propens li jikkommetti "atti ta' mignun" u kien "vjolenti" ? Jekk verament il-konvenut kien ibaghti minn dan id-disordni, mentali jew fil-personalita' tieghu, qabel iz-zwieg, kif jista' jzomm mistur dawn il-kwalitajiet negattivi tieghu tul iz-zmien kollu ta' l-gherusija ? Bhallikieku persuna li ssofri minn genn tal-mohh hija fil-posizzjoni li tikkontrolla lilha nnifisha u taghzel hi l-mument meta tabbanduna l-lucidita' mentali taghha !

Illi barra minnhekk l-Psikjatra li ezaminat lill-konvenut fis-7 ta' Gunju 1998, jigifieri fl-istess xahar li fih kien gie ffirmat il-kuntratt tas-separazzjoni, u sitt snin wara d-data taz-zwieg, ma kkonstatx li l-konvenut kien vjolenti jew mignun, izda kkonstat biss li f' dak iz-zmien [li fih kienu ser jissparaw il-partijiet] il-konvenut kien qed ibati minn stat depressiv, li lanqas gie certifikat li kien wiehed permanenti, imma jidher li kien dovut ghas-sitwazzjoni matrimonjali hazina tal-partijiet u l-effett negattiv li dina kellha fuq il-konvenut.

Inoltre, jigi osservat li, ghalkemm l-attrici u x-xhieda prodotti minnhom isemmu episodji ta' vjolenza da parti ta' l-attur, hadd minnhom ma jaghti jhiel taz-zmien li fihom dawn sehhew; u hemm provi li juru li dawn sehhew meta t-tifla, li fiz-zmien tal-gherusija kellha 8 snin, kibret u kienet ta' l-eta' li jkollha namrat. Dan jindika li kien ghadda certu zmien mid-data taz-zwieg. Din il-mankanza fil-provi tirrrizulta b' mod lampanti fid-dawl ta' l-allegazzjoni attrici li l-konvenut tbiddel mill-lejl ghan-nhar ezatt wara z-zwieg.

Illi, pero' anke jekk huwa minnu li kienu sehhew episodji ta' vjolenza matul il-konvivenza matrimonjali, rizultat ta' problemi li kien qed jirriskontra l-konvenut fiz-zwieg; dan il-fatt, ghalkemm jista' jservi bhala bazi legali ghas-separazzjoni, ma jwassalx necessarjament ghall-annullament taz-zwieg li jirrikjedi estremi differenti minn dawn li jghatu lok ghal- separazzjoni.

Illi in fine, il-Qorti tosserva li ma giex provat qerq da parti tal-konvenut sabiex jakkwista l-kunsens matrimonjali ta' l-attrici; ma rrizutlaw ebda raggiri jew artefizi da parti tal-konvenut sabiex jingannaw lill-attrici. Il-fatt li l-attrici, matul il-konvivenza matrimonjali, skopriet li ma setghatx tibqa' tghix aktar mal-konvenut bhala martu minhabba l-karattru tieghu, ma jintegrax dan l-element essenzjali sabiex jimmatura l-*caput nullitatis* in disamina, ghalkemm jista' jservi bhala kawza ta' separazzjoni personali.

Illi, in kwantu ghaz-zewg *capita nullitatis* l-ohra, kontemplati fil-paragrafi [f] u [h] u li skond l-attrici kienu jezistu fil-konfront tal-konvenut waqt l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-Qorti tosserva li l-provi ma jissufragawx din it-tesi attrici. Minn imkien ma rrizulta li l-kunsens tal-konvenut kien simulat, anzi jirrizulta li l-konvenut ghadu jrid jibqa' fiz-zwieg ma' l-attrici. Wkoll, fir-rigward tal-paragrafu [h] ta' l-artikolu precitat, indikat mill-attrici, b' mod generiku, bhala wiehed mir-ragunijiet ghat-talba taghha, il-Qorti tosserva li ma jirrizultax provat li fil-mument tal-ghoti ta' l-imsemmi kunsens, xi hadd mill-partijiet ma kellhux is-seghtat intelletwali jew rieda bizzejjed biex jinholoq il-kunsens ghaz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici mhijiex gustifikata, la fil-fatt u lanqas fid-dritt.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici; bl-ispejjez kollha jkunu a kariku taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------